MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-17 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 76/2003

**Emanuel Cutajar**

**vs**

**Edward Xuereb**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Tghid inti konvenut m'ghandekx tigi dikjarat responsabbli tal-hsara sofferta mill-attur fil-vettura tieghu Peugeot 406 bin-numru ta' registrazzjoni GGY-028, liema hsarat gew ikkagunati fl-incident stradali li fih kont involut inti wkoll li kont qed issuq il-vettura Isuzu Gemini bin-numru ta' registrazzjoni JAD-261, liema incident gara fis-16 ta' Marzu 2003, fi Triq Giorgio Borg Olivier, Victoria, Ghawdex, u ghal liema incident tahti unikament inti minhabba sewqan eccessiv u traskurat.

Konsegwentement tigi kkundannat thallas id-danni kollha sofferti li jammontaw komplessivament ghal hames mija u tmienja u disghin liri maltin (Lm598), kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Mejju 2003, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsab imharrek.

Bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ittra ufficjali sal-effettiv pagament."

Ra r-risposta:

"Illi l-incident in kwisjtoni gie provokat unikament u esklussivament bit-traskuragni ta' Kenneth Cutajar illi hareg minn karozza u halla l-bieba tal-vettura tieghu imbexxqa b'mod u manjiera illi din kompliet infethet waqt illi l-esponenti kien qieghed ghaddej, bil-galbu u bl-attenzjoni minn hdejn l-istess vettura. Dan l-atteggjament da parti ta' Kenneth Cutajar huwa wiehed kundannabbli ghall-ahhar proprju ghaliex jirrifletti attitudini ta' nonkuranza assoluta tal-bzonnijiet u drittijiet ta' haddiehor: Kenneth Cutajar mhux biss ipparkja il-vettura tieghu f'post fejn huwa projbit il-parking, imma b'mod egoist ghall-ahhar lanqas biss indenja ruhu jaghlaq il-bieba tal-vettura tieghu, u imbaghad bl-akbar wicc tost irid jalloka ir-responsabbilita' ghall-hsara fuq utent legittimu tat-triq.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

Sema' l-provi;

Ikkunsidra:

Illi mhux ikkontestat li l-incident sehh filwaqt li kienet niezla x-xita; li l-vettura GGY-028 kienet stazzjonarja bil-bieba miftuha filwaqt li l-vettura JAD-261 kienet miexja bil-hgieg imtappan meta baqghet diehla fl-ewwel vettura. Jirrizulta lit-Tribunal li mnejn kienet ghaddejja JAD-261 kien hemm wisa' ta' karozza u nofs imnejn tghaddi. Il-partijiet ma jaqblux dwar kemm kienet miftuha l-bieba.

Kenneth Cutajar, bin l-attur qal li kienet biss miftuha pulzier, filwaqt li l-konvenut jghid li kienet miftuha berah.

Il-verzjoni ta' Kenneth Cutajar ma tistax titwemmen ghal dawn ir-ragunijiet ewlenin:

1. Mario Mercieca, prodott mill-attur u li kien wieqaf magemb GGY-028, ma qalx fix-xhieda tieghu li kien ghadu kif kellmu s-Surgent Anton Schembri u li dan irrimarkalu li l-bieba kienet miftuha b'mod perikoluz; qal li s-Surgent kien ftit imbieghed u tfacca biss wara li sehh l-incident. Qal ukoll li ma messx il-bieba minn kif hallieha s-sewwieq ta' GGY-028, filwaqt li s-surgent qal li rah jibda jbexxaqha. Dan huwa kollu in kontradizzjoni ma' dak li xehed is-surgent.
2. Mario Mercieca xehed ukoll li huwa kien magemb JAD-261, u li JAD-261 ghaddiet imhaxxkna minn quddiemu u baqghet diehla fil-bieba li kienet biss pulzier jew tnejn imbexxqa. Din il-verzjoni mhix attendibbli ghax certament li Mercieca li kien hdejn il-bieba huwa ferm ehxejn minn pulzier jew tnejn u kien jintlaqat minn JAD-261 kieku l-bieba kienet kemm kemm imbexxqa biss.
3. Id-daqqa kienet *ex admissis* ikkoncentrata fil-gemb tal-bieba u mhux f'nofsha, kif kien jigri kieku JAD-261 hakket lateralment ma' GGY-028.
4. Il-hsara kienet pjuttost kbira proprju ghax il-vettura JAD-261 u sammret angolarment lil GGY-028 bit-tul tal-bieba taghha.

Illi jirrizulta ghalhekk illi z-zewg sewwieqa kkontribwew ugwalment ghall-incident, u dan billi s-sewwieq ta' GGY-028 halla l-bieba tal-vettura tieghu miftuha b'mod li ostakola l-libera cirkolazzjoni tat-traffiku u b'periklu ghall-utenti tal-karreggjata specjalment tenut kont li kienet ix-xita u l-bieba bhall-bqija tal-vettura kienet mizbugha sewda u ghalhekk kienet inqas vizibbli milli kieku kellha kulur iehor; filwaqt li l-konvenut kien qieghed isuq gewwa car-park bil-hgieg tieghu imtappan b'mod li ma setax ikun qieghed izomm *a proper look-out* tat-triq quddiemu.

Ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni dwar il-*quantum* tad-danni.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jsib liz-zewg sewwieqa ugwalment responsabbli ghall-incident *de quo* u konsegwentement jilqa' t-talba attrici limitatament ghal nofs l-ammont pretiz mill-attur billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' LM274 ammont ta' hsarat minnu kkawzati lill-attur fl-incident awtomobilistiku msemmi fl-avviz tat-talba. Spejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-23 ta' Mejju 2003 nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------